**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**
**vs**
**Mohamed Bougdira**

**Illum 11 t'Awwissu, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Mohamed Bougdira, detentur ta' Police number 19FF-080.

Akkuzat talli f'Hal Far u/jew fi bnadi ohra f'Malta, nhar l-24 ta' Lulju, 2020 bil-lejl harab minn lok mahtur ghall-kustodja meta kien mizmum skond il-ligi.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 11 t'Awwissu, 2020.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', personal details immarkati bhala Dok MC1; fedina penali mmarkata bhala Dok MC2; okkorrenza mmarkata bhala Dok MC3.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar il-11 t'Awwissu, 2020.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena mill-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-ammissjoni cara u inekwivoka u bikrija tal-imputat, kif ukoll il-fedina penali netta tal-istess imputat.

**Decide:**

Il-Qorti ghalhekk fuq ammissjoni tal-imputat **Mohamed Bougdira** u wara li rat l-Artikoli 151 u 160 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Mohamed Bougdira** hati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, tikkundannah ghal perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**